# IZ-ZAQQIEQ

Il-Familja Van Bommel kien toqghod go razzett kbir imdawwar bl-ghelieqi. Kienu missier, omm, tlett bniet u huhom, Klaas, flimkien ma xi membri ohra tal-familja. Kulhadd kellu l-bicca xoghol tieghu x’jaghmel  u bil-hidma taghhom ilkoll kien jaqilghu l-ghexien. Klaas kien tfajjel imfarfar ta' madwar erbatax-il sena. L-iskola qatt ma falliha u dejjem attent ghal dak li jisma' minghand l-ghalliem tieghu. Fil-vakanzi u l-hin liberu tieghu, missieru ghallmu jahleb il-baqar u dak kien xoghlu fir-razzett, ghalkemm meta missieru kien jarah qieghed hafif fix-xoghol kien iqabbdu dak li kien mehtieg li jsir.

Klaas kien ihobb jilbes zarbun ta' l-injam, iz-zarbun tradizzjonali ta' l-Olanda. Meta jigri biex jaqbad xi fenek jew jimxi bil-mod ghal l-iskola tal-villagg kien jaghmel hafna hsejjes. Ghalkemm kien tifel helu fil-karattru, kien zaqqieq hafna. Kien ihobb wisq l-gobon. U minn dan ma kienx nieqes fid-dar ghax fil-ghodu, f'nofsinhar u filghaxija fuq il-mejda ta' l-ikel dejjem kien ikun hemm abbundanza ta' gobon li kienu jahdmu tal-familja stess. Ommu kemm-il darba wissietu biex jiekol moderat u ghalkemm kien hemm mumenti meta kien jidher li jobdi, meta ma kien jarah hadd, kien inaqqar mill-gobon. Fid-dar dejjem kien hemm hobz frisk ghaliex iz-zijiet kienu jahdmuh u jahmuh kuljum. U kisra hobz ma’ bicca gobon

daqs xhiex flimkien ma’ tazza halib, Klaas ma kien jibdilhom ma xejn.

Fis-sajf kien jorqod sakemm l-ghasafar imperca fuq iz-zkuk tas-sigar jibdew ifesfu u dak kien ifisser li jrid iqum biex jibda' il-hidma tieghu. Imma fix-xitwa meta l-ksieh kien jaghmel tieghu kien jibqa' rieqed xi ftit aktar. Imbaghad iqum, jahsel wiccu ta' malajr, jilbes, jiehu kolazzjon ta' malajr u jlebbet 'l barra biex ma jasalx tard l-iskola. Il-familja Van Bommels ma kienitx xi wahda sinjura billi kulhadd ried jahdem u jaghti sehemu biex jghixu ta' nies. Id-dar taghhom kienet dejjem nadifa xummiema. L-ikel kien abbundanti u waqt ix-xoghol fil-kcina ebda ragel ma kien jithalla jidhol jekk mhux biex jaghti daqqa t'id.

Lejla wahda sajfija wara li ha tbezbiza sew, tbezbiza li kienet timmeritah, hareg mill-kamra ta' l-ikel u mar lejn soddtu kwazi jikbi. Huwa ried li hutu l-bniet jaghtuh bicca gobon minn sehemhom.

Il-kamra tas-sodda ta' Klaas kienet fuq nett fid-dar. Fis-saqaf kellu tieqa li minnha kienu jidhlu l-ewwel raggi tax-xemx u filghaxija meta t-temp kien jippermetti  Klaas kien jiftahha, biex tidhol l-arja friska.

Ziffa hafifa kienet tonfoh mill-masgar tas-sigar ta' l-arznu. Klaas tela' fuq siggu, hareg rasu mit-tieqa biex ixomm ir-rieha tfuh ta' l-arznu. Fil-hemda ta' dik il-lejla deherlhu li sema' vuci li tghidlu: " Hemm hafna gobon, Ejja warajja."

Biex ikun zgur it-tfajjel ghorok ghajnejh u waqqaf widnejh u mill-gdid sema' l-istedina: " Ejja warajja."

Tista' tkun il-lehen tas-sinjura tal-foresta li n-nies tal-villagg kienu tant jitkellmu fuqha? Baqa' jisma l-istedina tas-sinjura tal-foresta tghidlu biex jimxi warajha halli tiehdu jiekol il-gobon.

Ma riedx ihalli stedina bhal din tghaddi minghajr ma jinvestiga. Stedina bhal dik ghal ikla gobon ma kienx ta' min jitlifha. Tefa' xi haga fuqu u libes il-kalzetti, izda iz-zarbun ta' l-injam zammu f'idejh biex ma jaghmilx hsejjes. Is-sinjura tal-foresta dehret li kienet mghaggla ghax filwaqt li xejritlhu idha biex ihaffef u ma jdumx, bdiet titbieghed minnu. Bil-ghaggla nesa' jaqfel ic-cinturin u hallieh imdendel minn qaddu. Ha hasda meta kien hdejn il-bieb ghaliex il-qattus tad-dar mess ma' saqajh fid-dlam. Fetah il-bieb u bhal donnu ra lis-sinjura tal-foresta ftit passi 'l boghod minnu. Ma tilifx zmien u gera' ghal warajha. Meta dahal fil-foresta ra dak li qatt ma stenna.

Shahar kollha mdawla resqu lejh u gibduh lejhom u l-isbah wahda stednitu biex jizfen maghha. "Ejja izfen maghna." Accetta l-istedina taghha u beda' jdur u jdur sa ma hass li kien stordut. Talabha biex jistrieh

L-ohrajn bdew ikantaw f'kor wiehed : " Hawn hafna gobon hawn, hawn hafna gobon hawn."

Klaas baqa' jizfen u jizfen sa ma' l-ewwel raggi tax-xemx bdew idawlu lis-smewwiet. Hassu ghajjien u ntelaq fuq il-haxix tal-foresta biex jistrieh. Imma ma ghamilx hekk qabel ma talab is-shahar imdawla biex iservuh mill-gobon li kellhom fuq il-mejda.

Huma bdew jaqtghu bicciet tal-gobon bis-skieken tad-deheb u jservuhulhu. U hu kien  jiekol u jiekol bla waqfien. Hemm ma kienx hemm ommu biex iccanfru. Hass li l-istonku tieghu kien mimli daqs bajda. Aktar minn hekk halqu ghejja joghmod. Is-shahar imdawla baqghu joffrulhu l-bicciet tal-gobon u meta ma felahx jiekol aktar spicca b'bicca gobon f'id u bicca fl-ohra.

Issa Klaas beda' jhoss il-ghatx u talab lis-shahar imdawla biex igibulhu ilma frisk u huma ghamlu kif xtaq. Issa li telghet ix-xemx, is-shahar imdawla hasbu biex jitilqu. Meta ra hekk qam u bi sforz kbir gera' warajhom ghax ma riedx jitlef dik il-genna ta'gobon u tgwadija. Waqt li kien qed jigri warajhom, il-bokkla tac-cinturin mahlul qabdet ma' zokk ta' pjanta u tgerbeb u gie ghal wiccu ma' l-art. Hawn Klaas ghajjat ghajta kbira ta' ugigh. Ommu li kienet ilha tghajjatlhu biex jinzel jiehu l-kolazzjon telghet tigri fil-kamra tieghu tara xi gralu. "Mhux soltu tieghu jaghmel hekk," hasbet ommu waqt li kienet tiela it-tarag, " Bhalissa jkun diga' qam u jkun ilu nofs siegha fir-remissa. Nispera li ma gralhu xejn gravi?"

"Klaas," ghajtet ommu kif fethet il-bieb u dahlet f'kamartu.

"Klaas, hemm x'inti taghmel?" staqsietu ommu mbellha ghal ahhar. U milli kien jidher kien ilu mhux ftit jgiddem il-lizar ghax taqqbu bi snienu.

Ommu ndunat li kien holom u holom wahda kbira. Talbitu jirrakontalha l-holma izda  Klaas zammha ghaliha.